djin l-ewwel ma nkiteb qabel il-gwerra taħt l-isem *Mito, Lingua e Razza*
*a Malta*, meta fl-Italja kien hemm ħsieb li toħroġ Rivista storika-lettera-
:ja fuq Malta—ħsieb li mbagħad safa' fix-xejn. Biż-żidiet li kellu jagħ-
mel issa l-istudju twessa' tant li ħtieġlu jagħtih isem ieħor li jħaddan
għalqa ikbar.

It-taqsima fuq il-mitoloġija ma tistax tkun aħjar, u dik fuq l-ilbies
ukoll. Dwar il-biedja laqatna kif Cremona għaraf idomm flimkien ħafna
trufijiet biex minnhom ħareġ tixbih ħaj mal-folklore Sqalli, u l-istess in-
għidu għal dak li hu xebh tad-drawwiet tal-mewt u taż-żwieġ u tal-festi.
It-tixbih tal-ħrejjef interessanti wkoll. imma nixtiequ li dan is-suġġett
Cremona jittrattah għalih u iktar fit-tul fuq għalqa usa' ta' tixbih. Dan
huwa xogħol li hawn bżonnu ħafna, u ftit huma dawk li għandhom il-
preparazzjoni u l-materjal meħtieġa bħas-Sur Nin.

Fil-fehma tagħna, Cremona għandu mertu kbir bħala studjuż tal-
folklore Malti. Huwa fisser u qabbel il-materjal miġbur minn Patri Ma-
gri u oħrajn fuq kriterji sodi u xjentifiċi. Xogħol komparat ftit għadu sa
hawn Malta. Cremona l-iktar li jitqarreb fit-tixbih ma' Sqallija u l-Ita-
lja, Patri Magri kien aktar inxteħet lejn il-Lvant, sħiħ fit-teorija tal-
Feniċi li l-lum tilfet ħafna mis-saħħa tagħha. Xebh ieħor li għadu jisten-
na 'l-istudjużi huwa mal-Kalabrja u ma' Spanja, ma l-Affrika ta' Fuq
mill-Eġittu sal-Marokk (li tiegħu tana xi ħjiel Stumme) u mas-Sirja u
l-Libanon. Is-Sur Cremona għamel il-parti tiegħu. Għal ħaddieħor issa
t-triq ta' dat-tiftix ġdid—il-bini fuq il-pedamenti mqiegħda minn Magri
u Cremona u Stumme.

G. C. P.

## KRONAKA TAL-GĦAQDA

Nifirħu bil-qalb kollha lill-Avukat ANTON BUTTIGIEG, B.A., LL.D., (Membru Akkademiku tal-Għaqda) li dan l-aħħar ġie maħtur bħala Membru ta' l-Assemblea Leġislativa.

L-Avukat Buttigieg, barra milli hu Membru Akkademiku mill-qodma tal-Għaqda, u mill-aktar ħabrieki, huwa wkoll magħruf bħala wieħed mill-aqwa poeti Maltin għall-ħlewwa ta' versi tiegħu fuq in-Natura. Il-Għaqda qiegħda f'waħda mill-egħżeż ir-kejjen ta' qalbu. Benefattur u Difensur qawwi tagħha u tal-Lsien Malti, minnu nistennew il-ġid fil-karika parlamentari tiegħu għas-seħħ tal-Għaqda u ta' Lsienna.

Nifirħu wkoll bil-qalb kollha lill-Avukat WALLACE GULIA, B.A., B.Sc., Ph.C., D.P.A., Membru Akkademiku tal-Għaqda, li ġie maħtur bħala Avukat tal-Kuruna.

Dr. Wallace Gulia, magħruf biżżejjed għall-meriti tiegħu letterarji, għalkemm għadu kif jibda l-karriera professjonali tiegħu, għamel isem fil-kamp tax-xjenza leġislativa u amministrattiva li fihom dan l-aħħar speċjalizza ruħu wara kors ta' studju speċjali fl-Ingilterra.

## WERREJ TAS-SENA 1955


faċċ.

**Abela, G.**
Malapropismi fil-Malti ... 53
**Agius, Anton**
Gannina ... 83
**Agius, E., M.D., D.P.H., D.Bact.**
*Ħsibijiet* ... 56
**Biancardi, Nikol**
*Addio, Manwel* ... 55
**Borg Pantalleresco, G., P.L.**
*Il-Milied it-Tajjeb!* ... 103
**Calamus**
Il-Letteratura Infantili Maltija ... 77
**Camilleri, Dun Frans**
*O Dulcis Virgo Maria* ... 81
**Cassar, C., M.D.**
*L-Arloġġ* ... 52
**Cassar, Manwel**
*Lid-Dmugħ* ... 66
**Cassar Pullicino, G.**
Il-Konti Ciantar u l-Folklore Malti ... 104
**Cassola, Alb. M.**
Malapropismi ... 92
**Chetcuti, Gużè**
A. Cremona bħala Drammaturgu ... 67
Giovanni Curmi, Poeta ... 112
**Cremona, A.**
Noti fuq il-Fonetika u Morfoloġija Maltija ... 7
Fonetika ... 93, 119
**Editur**
Il-Letteratura Maltija fir-Radjo ... 3
Proża u Poeżija fil-Letteratura Maltija ... 33
Integration ... 65
Ir-Rati ta' Ħlas għat-Trasmissjonijiet ... 90
Il-Milied u l-Ewwel tas-Sena l-Ġdida ... 97
**Galea, Prof. Gużè, M.B.E., M.D., D.P.H.**
Il-Kewkba tal-Milied ... 101
**Gatt, Gużè**
In-Nies tas-Snajja' fl-Ewwel Snin ta' l-Ingliżi ... 44
**Guillaumier, A.**
Ferħa bla Temma ... 14